**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 27**

It-Tnejn, 3 ta' Ottubru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana u l-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Chris Said u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor Chris Fearne, l-Onor. Robert Arrigo u l-Onor. Ryan Callus kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 26 li saret fis-6 ta' Lulju 2022 kienu kkonfermati.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-Aġent President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

**Att Nru XI tal-2022 –** Att tal-2022 li jemenda diversi liġijiet dwar il-Prokreazzjoni Assistita.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 515 Rapport tal-parteċipazzjoni ta' delegazzjoni mmexxija mill-Ispeaker li kienet tinkludi l-Onor. Andy Ellul u l-Onor. Ivan Bartolo fi żjara bilaterali ġewwa t-Turkija bejn it-12 u l-14 ta' Settembru 2022;

P.L. 516 Rapport tal-parteċipazzjoni ta' delegazzjoni mmexxija mill-Ispeaker li kienet tinkludi lill-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Randolph De Battista fi żjara bilaterali ġewwa l-Irlanda bejn it-18 u l-21 ta' Settembru 2022;

P.L. 517 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-referenza 33/2021TA datata 2 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet Silvana Vella et vs Avukat tal-Istat et, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 12 ta' Lulju 2022;

P.L. 518 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-referenza 589/2021LM datata 10 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet Dr Arthur Mercieca et vs Avukat tal-Istat et;

P.L. 519 Sentenza mogħtija mill Prim'Awla tal Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-referenza 231/2021LM datata 15 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet Mario Bonnici et vs Awtorità tad-Djar et;

P.L. 520 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-referenza 295/2021LM datata 15 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet Marianne Mamo vs Avukat tal-Istat et;

P.L. 521 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-referenza 699/2021LM datata l-1 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet Grace Micallef et vs Avukat tal-Istat et;

P.L. 522 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-referenza 446/2021LM datata l-1 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet Dentist Dr David Muscat et vs Enemalta plc et;

P.L. 523 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-referenza 710/2021LM datata l-1 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet Wayne Paul Dingli et vs Avukat tal-Istat et;

P.L. 524 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-referenza 469/2021TA datata l-14 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet Alfrida Grima vs Avukat tal-Istat et, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 12 ta' Awwissu 2022;

P.L. 525 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-referenza 113/2021LM datata 15 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet Sonia Bezzina vs Avukat tal-Istat et;

P.L. 526 Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bir-referenza 479/2021LM datata 15 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet Maria Celina Benn vs Avukat tal-Istat et;

P.L. 527 Rapport Annwali għas-Sena 2021 tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali tal-Parlament Ewropew;

P.L. 528 Rapport Annwali tal-Verifika għas-Sena 2021 tal-Awtorità tal-Artijiet;

P.L. 529 *Participatory Gender Audit: Report with action oriented recommendations* dwar il-Parlament Malti maħruġ mill-Office for Democratic Institutions and Human Rights (ODIHR) fi ħdan l-Organisation for Security and Co-operation in Europe (OSCE);

P.L. 530 Ombudsplan għas-Sena 2023;

P.L. 531 Rapport Annwali għas-Sena 2021 tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ppreżentat ai termini tal-Artikolu 25 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika;

P.L. 532 *Organisational Review of the Office of the Commissioner for Standards in Public Life of Malta* maħruġ mill-Organisation for Economic Cooperation and Development (OECD);

P.L. 533 *Review of the Standards in Public Life Act of Malta* maħruġ mill-Organisation for Economic Cooperation and Development (OECD);

P.L. 534 *Review of the Lobbying Framework in Malta* maħruġ mill-Organisation for Economic Cooperation and Development (OECD);

P.L. 535 *Review of the Codes of Ethics for Ministers, Parliamentary Secretaries and Members of the House of Representatives: Recommendations for improving the Codes* maħruġ mill-Organisation for Economic Cooperation and Development (OECD);

P.L. 536 *Financial Plan 2023* tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika datat 15 ta' Settembru 2022 ippreżentat ai terminital-Artikolu 11(4) tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika; u

P.L. 537 *A Strong Transparency, Accountability and Ethical Governance Framework for Members of Parliament* ippubblikat mill-Malta Chamber datat Settembru 2022.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet in-numru 438 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 538 Avviż Legali Nru 207 tal-2022 – Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar Stemmi tal-Kumitati Reġjonali;

P.L. 539 Avviż Legali Nru 208 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Proċeduri għal Gvern Lokali;

P.L. 540 K.L.B.L Nru 42/04/2022 – Bye-Laws tal-2022 dwar Kontroll tal-Ħamiem (Kunsill Lokali Munxar);

f’isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 541 Avviż Legali Nru 211 tal-2022 – Ordni tal-2022 li jħassar l-Ordni dwar ir-Rekwiżiti għall-Ivvjaġġar;

P.L. 542 Avviż Legali Nru 215 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 dwar il-Protokoll tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni;

P.L. 543 Avviż Legali Nru 216 tal-2022 − Avviż ta’ Bidu fis-Seħħ li stabbilixa d-29 ta’ Lulju 2022 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Prokreazzjoni Assistita għandhom jidħlu fis-seħħ;

P.L. 544 Avviż Legali Nru 219 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw Diversi Liġijiet dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa;

P.L. 545 Avviż Legali Nru 233 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Raba’ u l-Ħames Skedi li jinsabu mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa;

P.L.546 Avviż Legali Nru 234 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (Derogi minn ċerti obbligi);

f’isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 547 Avviż Legali Nru 218 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 dwar l-Akkwakultura tat-Tonn; u

P.L. 548 Avviż Legali Nru 238 tal-2022 − Control of San Josè Scale and Control of Carnation Leaf Rollers (Repeal) Regulations, 2022;

f’isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 549 Avviż Legali Nru 200 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 li jimplimentaw l-Obbligi għall-Importaturi ta’ Landa, Tantalu, Tungstenu, il-minerali tagħhom, u Deheb;

P.L. 550 Avviż Legali Nru 221 tal-2022 – Indiċi tal-Prezzijiet dwar Proprjetà Immobbli; u

P.L. 551 Avviż Legali Nru 232 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 dwar it-Trasferiment Dirett ta’ Siti Residwali ta’ Proprjetà tal-Gvern li Jiffurmaw Parti minn Żvilupp Akbar;

f’isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 552 Avviż Legali Nru 217 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti; u

f’isem il-Ministru għall-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 553 Bijografija tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva, is-Sa Christine Schembri, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1740; u

P.L. 554 Tabella li turi n-numri u d-dati tal-laqgħat li saru fid-Djar tal-Anzjani tal-Gvern u oħrajn bl-involviment tar-residenti, maqsuma skont id-dar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2354.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 555 Avviż Legali Nru 209 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 dwar il-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD;

P.L. 556 Avviż Legali Nru 210 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 dwar ENGAGE;

P.L. 557 Avviż Legali Nru 212 tal-2022 − Safety of Toys (Amendment) Regulations, 2022;

P.L. 558 Avviż Legali Nru 214 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar Miżuri ta' Aċċessibilità (Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità); u

P.L. 559 Avviż Legali Nru 239 tal-2022 − Restriction of Use of Hazardous Substances in Electrical and Electronic Equipment (Amendment No. 2) Regulations, 2022.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 560 Avviż Legali Nru 206 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni u l-Kontenut tal-Iskambju ta' Informazzjoni Estratta mir-Rekords Kriminali bejn Malta u Stati Membri oħra.

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 561 Avviż Legali Nru 203 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku;

P.L. 562 Avviż Legali Nru 204 tal-2022 – Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Ħelsien mit-Taxxa fuq l-Income u mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà (Emenda Nru 2);

P.L. 563 Avviż Legali Nru 205 tal-2022 − Regoli tal-2022 dwar Tnaqqis għal Grupp (Taxxa fuq l-Income);

P.L. 564 Avviż Legali Nru 220 tal-2022 − Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Pensjonijiet;

P.L. 565 Avviż Legali Nru 224 tal-2022 − Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23 (Emenda Nru 2);

P.L. 566 Avviż Legali Nru 225 tal-2022 – Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà (Emenda Nru 2);

P.L. 567 Avviż Legali Nru 227 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Rata ta' Mgħax);

P.L. 568 Avviż Legali Nru 228 tal-2022 − Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Taxxa fuq l-Income (Rata ta' Mgħax);

P.L. 569 Avviż Legali Nru 229 tal-2022 ‒ Appointment of the Competent Authority (Investment Firms Regulation and Investment Firms Directive) (Repeal) Regulations, 2022;

P.L. 570 Avviż Legali Nru 230 tal-2022 ‒ Malta Financial Services Authority Act (European Crowdfunding Service Providers for Business) (Fees) Regulations, 2022;

P.L. 571 Tabella li turi informazzjoni dwar in-numru ta' liċenzji li ngħataw għat-tiftix u t-tħaffir għaż-żejt fis-snin bejn l-2000 u l-2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2527;

P.L. 572 Lista li turi l-liċenzji attivi għat-tiftix u t-tħaffir taż-żejt fil-perjodu bejn l-2000 u l-2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2529;

P.L. 573 *Medium-Term Fiscal Strategy for Malta 2022-2025* maħruġ mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol datat Lulju 2022;

P.L. 574 *Malta – Half Yearly Report 2022* maħruġ mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol datat Lulju 2022; u

P.L. 575 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji għas-sena 2021.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 576 Avviż Legali Nru 222 tal-2022 ‒ Regolamenti tal-2022 dwar l-Investiment;

P.L. 577 Avviż Legali Nru 226 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar Infrastruttura għall-Iċċarġjar tal-Vetturi Elettriċi Aċċessibbli għall-Pubbliku;

P.L. 578 Avviż Legali Nru 235 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Riċiklaġġ tal-Kontenituri tax-Xorb;

P.L. 579 Avviż Legali Nru 236 tal-2022 ‒ Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss;

P.L. 580 Avviż Legali Nru 237 tal-2022 ‒ Regolamenti tal-2022 dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss;

P.L. 581 Avviż Legali Nru 240 tal-2022 ‒ Regolamenti tal-2022 dwar ir-Riserva Naturali tal-Ponta tal-Qawra;

P.L. 582 Tabella li turi l-inħawi u t-toroq fejn ġie installat in-New Water maqsuma skont iż-żona, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 439;

P.L. 583 *Preliminary Flood Risk Assessment for the Malta River Basin District* ippubblikat minn The Energy &Water Agency fl-2019, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2093;

P.L. 584 Tagħrif dwar l-ammont ta' ilma mtella' mill-ilma tal-pjan mill-impjanti tal-konkos fil-perjodu bejn l-2011 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2094; u ***(Ara dokument Nru. 600 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 28 tat-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2022)***

P.L. 585 Informazzjoni dwar it-taħlita tas-sorsi tal-enerġija (fuel mix) għas-sena 2022 fornuta minn Enemalta plc, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2526.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 586 Avviż Legali Nru 213 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi;

P.L. 587 Lista ta' vacancy forms għall-gradi ta' Director u Deputy Director fl-MCAST li ġew approvati mis-Segretarju Permanenti għas-snin 2018 - 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2240;

P.L. 588 Lista ta' rekwiżiti għall-vakanzi ta' Director u Deputy Director fl-MCAST li ħarġu minn Ġunju 2018 sa Mejju 2022 u l-kwalifiki li kellha kull persuna li ġiet magħżula għal kull vkanza, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2241; u

P.L. 589 Tabella li turi l-karigi u l-ħlasijiet li jirċievu l-management ta' SportMalta maqsuma skont il-kariga, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2291;

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 590 Avviż Legali Nru 231 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 591 Avviż Legali Nru 202 tal-2022 – Avviż ta' bidu fis-seħħ li stabbilixxa t-13 ta' Lulju 2022 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) għandhom jidħlu fis-seħħ; u

P.L. 592 Avviż Legali Nru 241 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji).

P.L. 593 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Asset Recovery Bureau Malta għas-sena 2021.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Prim Ministru, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 594 Avviż Legali Nru 201 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw;

P.L. 595 *Manual on Resourcing Policies and Procedures* maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, datat 27 ta' Settembru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1741.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra fil-laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li nżammu nhar il-Ħamis, 28 ta' Lulju 2022 u l-Ħamis 4, ta' Awwissu 2022, l-Onor. Naomi Cachia ssostitwixxiet lill-Onor. Clayton Bartolo, u fil-laqgħa tal-istess kumitat li kellha tinżamm it-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2022, l-Onor. Naomi Cachia għandha tissostitwixxi lill-Onor. Alex Muscat.

L-Onor. Glenn Bedingfield, President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, irrapporta li fil-laqgħa tal-kumitat tal-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022, il-Kumitat, għamel id-diskussjoni dovuta fir-rigward tar-ratifika ta' ftehim bejn l-UE u l-Vietnam u l-ftehim bejn l-UE u Singapore *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(2)(b) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea.

**MOZZJONIJIET**

**54. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IKOMPLI JEMENDA L-KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal Abbozz ta' Liġi sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

L Onor. Glenn Bedingfield, issekonda.

Il mozzjoni għaddiet nem. con. u l Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12" inqara l-ewwel darba.

**67. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA L-ATT KONTRA L-MONEY LAUNDERING**

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda l-Att kontra Money Laundering.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att kontra Money Laundering, Kap. 373" inqara l-ewwel darba.

**68. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-MONITORAĠĠ ELETTRONIKU**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ elettroniku għal persuni kkundannati bil-għan li tissorvelja l-movimenti ta' persuna soġġetta għal ordni ta' monitoraġġ elettroniku permezz ta' apparat elettroniku sigur u li jippprovdi għal miżuri relatati u anċillari" inqara l-ewwel darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ORDINANZA DWAR L-ESPLOŻIVI U L-LIĠIJIET VARJI DWAR IL-PROTEZZJONI ĊIVILI - ABBOZZ NRU 8**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi, Kap. 33 u l-Liġijiet Varji relatati mal-Protezzjoni Ċivili".

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, issekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Byron Camilleri, l-Onor. Michael Falzon, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, l-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Michael Farrugia għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Joe Giglio u l-Onor. Beppe Fenech Adami għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fis-6.59 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2021 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u liġijiet oħra dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi u l-liġijiet varji dwar il-Protezzjoni Ċivili | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Tieni Qari |

---

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Julie Zahra, mill-Onor. Robert Cutajar u mill-Onor. Ivan Bartolo.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Julie Zahra, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 596 Post fuq il-media soċjali mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali bl-isem *Retrieval of artefact* datata 13 ta’ Settembru flimkien ma’ tliet ritratti.

Fis-7.30 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 4 ta’ Ottubru 2022 fl-4.00 p.m. kif komunikat mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**